# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħmistax (15) ta' Frar 2022**

**Rikors Numru 1203/2012 FDP**

Fl-ismijiet

**John Camilleri, u b'digriet tat-8 ta' Frar 2017 l-atti ġew trasfużi f'isem Annalise Camilleri (ID 264175M), Melanie Zerafa 9ID 265078M) u Andre Karl Camilleri (164087M)**

**Vs**

**Maria Camilleri (ID 218758M), Denise Buttigieg (ID 503485M), Sarah Attard (ID 510887M), Donna Camilleri (ID 280394M) lkoll fil-kapaċita' tagħhom ta' werrieta ta' Edgar Camilleri.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 3 ta' Diċembru 2017, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

   1. *Premess illi r-rikorrent u l-mibki Edgar Camilleri huma aħwa u kienu jaħdmu fin-negozju bi sħab flimkien inkluż tramite is-soċjeta' Soap & Sponge Limited liema kumpanija kienet tappartjeni lilhom fi kwoti indaqs bejniethom.*

   2. *U billi diversi snin ilu l-partijiet kienu ftehmu li għandhom jaqsmu n-negozju li kien hemm bejniethom, u għal dan l-iskop fl-10 t'April 1989 kienet saret skrittura privata bejn John u Edgar Camilleri fejn ftehmu kif kienet ser isir il-qasma, kopja ta' liema skrittura hija hawn annessa bħala Dokument "A";*

3. *U billi, fost affarijiet oħra li ġew miftehma (u senjatament fil-paragrafu 3(c) tal-ftehim), il-partijiet qablu li huma kellhom flus kontanti, 'cash in hand, u li kienu tagħhom personali kienu jammonta għas-somma ta' LM 230,458, ilium €536,822;*

4. *U billi din is-somma flus qatt ma kienet f'idejn ir-rikorrenti John Camilleri iżda kienet dejjem fil-pussess esklussiv ta' Edgar Camilleri;*

5. *U billi wara dik l-istess skrittura l-partijiet kienu ppreparaw skrittura privata datata 15 ta' Mejju 1989 (kopja ta' liema hija hawn anness bħala dokument "B") sabiex jagħtu seħħ għad-diviżjoni, u fost affarijiet oħra fil-klawsola 11 ġie miftiehem: "il-komparenti Camilleri jiftehmu li fuq l-ammonti dovuti mill-komparenti Edgar Camilleri, lill-komparenti John Camilleri, għandhom jgħaddu mgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena." Iżda dan id-dokument ma kienx ġie attwat għaliex Edgar Camilleri ma kienx f'posizzjoni li jagħmel il-ħlasijiet minnhom dovuti;*

6. *U billi minkejja dan kollu Edgar Camilleri baqa' jużufruwixxa u jamministra l-flus kontanti li kellu f'idejh mingħajr ma qatt ta xi forma ta' rendikont lill-esponenti, u qatt ma ħallas lir-rikorrenti kif kien miftiehem;*

7. *U billi meta Edgar Camilleri kien għadu ħaj qatt ma ta sodisfazzjoni lil John Camilleri dwar dan il-flus, u għalhekk qiegħda ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

1. *Tikkundanna lill-intimat sabiex jagħti rendikont tal-amministrazzjoni tiegħu skond il-liġi ta' l-assi komuni (inkluż il-flus kontanti) li kellu f'idejn kif ukoll tal-ammont ta' €536,822 (LM 230458) u jispeċifika l-ammont li huwa dovut lil rikorrenti u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti;*

2. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fin-nuqqas ta' l-intimat huwa stess jispeċifika bil-ġurament tiegħu l-ammont li għandu jingħata u dana a tenur ta' l-artikolu 394 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Tikkundana lill-intimat sabiex iħallas l-ammont likwidat kif fuq indikat lir-rikorrenti u dana f'terminu li jiġu prefiss mina dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż u l-inġunzjoni in subizzjoni tal-intimat.*

2. Rat illi fl-10 ta' Jannar 2013, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiża:

*1. Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini ta' l-artikoli 2156 u 2157 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi l-attur qiegħed jitlob l-eżekuzzjoni ta' allegat ftehim konkluż fis-sena 1989;*

*2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba attriċi hija irritta u nulla, stante illi kienet diġa' s-soġġett ta' kawża ta' stralċ intavolata u mirbuħa mill-attur kontra s-soċjeta' Soap & Sponge limited (C-4546) liema soċjeta' illum ġiet dikjarata stralċjata (ara sentenza Dok A hawn anness);*

*3. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimati ma humiex il-leġittimi kontradittturi stante illi l-allegat somma dovuta, anke bis-saħħa tas-sentenza preċitata, kienet riżultat ta' negozju eżerċitat fi ħdan is-soċjeta' Soap & Sponge Limited (C-4546) illum b'ordni ta' stralċ kontra tagħha, u għalhekk din it-talba messha saret kontra l-istess soċjeta' jew il-likwidatur tagħha u mhux l-intimati personalment;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ftehim fuq il-flus mertu tal-kawża odjerna qatt ma kien hemm u l-attur ex admissis qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq abbozz ta' ftehim mhux iffirmat (ara paragrafu 5 tar-rikors promotur) liema abbozz ma għandu ebda saħħa anzi, ex admissis mill-atturi, ġie riġettat mid-deċujus Edgar Camilleri;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalsiasi imgħax li seta' jintalab kien dak skont il-liġi biss;*

*6. Illi, fi kwalunkwe każ, ma hux minnu illi l-mejjet Edgar Camilleri kellu fil-pussess tiegħu xi flejjes ta' l-attur u t-talbiet attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*7. Illi in subsidium u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, l-intimati preżenti, kif ukoll Edgar Camilleri, ma amministraw ebda flejjes ta' l-attur (speċjalment meta dawn qatt ma eżistew) kwindi ma jistgħux jintalbu jagħtu rendikont u għalhekk l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda;*

*8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, b'riferenza għat-tieni talba attriċi, Edgar Camilleri la kien obbligat jagħti xi rendikont (ta' flus mhux eżistenti) u lanqas ma kien hemm terminu għall-istess kif tassattivament rikjest mill-artikolu 394 tal-Kap. 12, u għalhekk it-tieni talba għandha tiġi miċħuda. Inoltre l-attur m'huwiex intitolat, u wisq anqas ma jista' jiġi awtorizzat biex jagħti rendikont huwa ta' allegat amministrazzjoni li dwarha jirriżulta li ma jaf xejn, aktar u aktar meta l-intimati qegħdin jikkontendu li ma jeżistu ebda flejjes x' jiġu amministrati.*

*9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost stante illi ma eżistew ebda flejjes ta' l-attur it-tielet talba għanda tiġi miċħuda.*

*10.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

**Provi**

3. Rat ili fil-15 ta' Jannar 2013, il-kawża ġiet differita għall-provi.

4. Rat l-affidavit ta' **John Muscat**, Accountant full time tas-soċjeta' Soap & Sponge Ltd sas-sena 1991 u wara fuq bażi part time, prodott mir-rikorrenti u ppreżentat fil-15 ta' Marzu 2013. (fol 35)

5. Rat l-affidavit ta' **John Camilleri,** ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2013. (fol 37)

6. Rat l-affidavit ta' **Augustine Joseph Walker**, Awditur li għamel ir-'*Reviżjoni tal-Kontijiet finanzjarji tas-soċjeta' Soap & Sponge Ltd*', ippreżentat mir-rikorrenti fl-24 ta' Mejju 2013. (fol 41)

7. Rat illi bejn it-3 ta ' Lulju 2013 u t-30 ta' Jannar 2014, saru tlett seduti fejn il-Qorti ġiet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransiġu, liema transazzjoni iżda eventwalment falliet.

8. Rat ix-xhieda tal-**Imħallef Joseph R Micallef**, ġia l-Avukat tal-partijiet, mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2014. (fol 51)

9. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2015 ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

10. Rat ix-xhieda ta' **Maria Camilleri**, mart Edgar Camilleri, prodotta fit-12 ta' Mejju 2015. (fol 57)

11. Rat l-affidavit ta' Maria Camilleri ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2015. (fol 62)

12. Rat l-affidavit ta' **John Sant**, *accounts clerk* tas-soċjeta' Soap & Sponge Limited sa mis-sena 1994, prodott mill-intimati fit-28 ta' Ottubru 2015. (fol 71)

13. Rat l-affidavit ta' **Denise Buttigieg**, bint Edgar Camilleri, ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2015. (fol 77)

14. Rat illi mis-17 ta' Frar 2016 sat-30 ta' Jannar 2018, saru għaxar seduti fejn il-Qorti kienet qed tiġi infurmata illi l-partijiet waslu fi transazzjoni.

15. Rat illi fit-8 ta' Frar 2017, l-atti tar-rikorrent John Camillieri ġew trasfużi f'isem Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri, wara l-mewt ta' l-istess John Camilleri illi seħħ fil-31 ta' Ottubru 2016. (fol 88)

16. Rat illi fit-30 ta' Jannar 2018, il-kawża ġiet ikkanċellata.

17. Rat illi fl-1 ta' Frar 2018, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors biex il-kawża terġa' titqiegħed fuq il-lista tal-kawżi.

18. Rat illi fit-28 ta' Frar 2018, meta reġgħet ġiet ri-appuntata l-kawża, l-partjiet għarrfu lil-Qorti li kienu qed jikkoltivaw il-possibbilta' ta' transazzjoni.

19. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti u ġiet infurmata illi transazzjoni ma ntlaħqitx.

20. Rat illi fis-26 ta' Frar 2020, hekk kif dina l-Qorti kienet ser tagħlaq l-istadju tal-ġbir tal-provi, ġiet infurmata illi l-partijiet kienu qed jistennew l-eżitu tal-kawża Rikors Ġuramentat Nru 968/2014 fl-ismijiet '***Camilleri Maria et vs Soap & Sponge Limited***'.

21. Rat l-affidavit ulterjuri ta' Denise Buttigieg ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2020 (fol 119) u d-dokumentazzjoni kollha minnha ppreżentati (fol 124 – 456).

22. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2020 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

23. Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2020, il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi l-proċeduri 968/2014 huma separati mill-proċeduri odjerni, u għalhekk l-kawża odjerna setgħet titkompla u tiġi finalment deċiża.

24. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami u permezz ta' *video conferencing* ta' Maria Camilleri illi ngħatat fl-20 ta' Jannar 2021.

25. Rat illi fis-17 ta' Mejju 2021, l-intimati talbu l-isfilz tal-affidavit ta' John Camilleri stante illi kien miet u għalhekk kontro eżami ma setgħetx issir, w dina l-Qorti ċaħdet it-talba peress illi l-provi rikorrenti kienu magħluqa fit-3 ta' Marzu 2015 u John Camilleri miet fil-31 ta' Ottubru 2016, bir-riżultat illi l-intimati kellhom ċans li jagħmlu l-kontro eżami qabel ma miet, iżda ma għamluhx.

26. Semgħet il-kontro eżami ta' John Muscat illi saret fit-8 ta' Ġunju 2021. (fol 489)

27. Rat illi fit-8 ta' Ġunju 2021, l-istadju tal-ġbir tal-provi ġie magħluq bi qbil mal-partijiet w il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali bil-mktub.

28. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti ppreżentati fil-31 ta' Awissu 2021.

29. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-intimati ppreżentati fil-25 ta' Ottubru 2021.

30. Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2021, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

31. Rat illi fid-19 ta' Novembru 2021, mingħajr ma kienu awtorizzati jagħmlu dan, ir-rikorrenti ippreżentaw sottomissjonijiet addizzjonali.

32. Rat illi fl-1 ta' Diċembru 2021, il-Qorti, flok ma għaddiet biex tat id-deċiżjoni finali tagħha, in vista tan-nota mhux awtorizzata mar-rikorrenti u notifikata lill-intimati, kkonċediet żmien lill-intimati sabiex jirrispondu għall-istess nota w iddifferiet il-kawża għas-sentenza għallum.

33. Rat illi is-sottomissjonijiet ulterjuri ta' l-intimati ippreżentati fit-23 ta' Diċembru 2021.

**Ikkunsidrat**

34. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi r-rikorrent, John Camilleri kien bi sħab ma' ħuh, Edgar Camilleri, f'varji negozji, fosthom prinċipalment il-business operat mis-soċjeta' Soap & Sponge Limited, b'show room ġewwa l-Mosta.

35. Jirriżulta illi Edgar Camilleri miet fit-12 ta' Frar 2005.

36. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni intavolati fit-3 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrent John Camilleri, li eventwalment miet waqt il-mori tal-kawża fil-31 ta' Ottubru 2016, għamel referenza għal ftehim iffirmat fil-15 ta' Mejju 1989 u talab lill-intimati, lkoll eredi tal-mejjet Edgar Camilleri, sabiex jagħtu rendikont tal-assi li kellu f'idejh Edgar Camilleri u li, skond ir-rikorrent, kienu parti minn negozju bi sħab bejniethom.

37. Jirriżulta illi il-meritu prinċipali tat-talba rikorrenti tirrigwarda somma flus illi ir-rikorrent indika fl-ammont ta' €536,822, ossija Lm230,458, li huwa jikkontendi li kienu f'idejn Edgar Camilleri u qatt ma ntraddlu lura sehmu minn tali flejjes.

38. Jirriżulta illi l-eredi ta' Edgar Camilleri, lkoll intimati fil-proċeduri odjerni, laqgħu għall-proċeduri odjerni billi qajjmu s-segwenti difiżi:

    a. L-azzjoni hija preskritta bit-trapass ta' ħames snin a tenur tal-Artikolu 2156 u 2157 tal-Kap 16;

    b. L-azzjoni kellha tiġi indirizzata lis-soċjeta' Soap & Sponge Limited li ġiet stralċjata fuq talba tar-rikorrent stess;

    c. Il-ftehim li abbażi tiegħu ġiet intavolata l-kawża qatt ma ġie finalizzat;

    d. Illi Edgar Camilleri qatt ma kellu l-flejjes rikjesti f'idejh;

    e. Illi ma jistgħux jintalbu jagħtu rendikont ta' dak illi huma qatt ma amministraw.

**Ikkunsidrat**

39. Jirriżulta illi r-rikorrent, bħala prova tal-fatti kif minnu indikat, ressaq bħala xhieda indipendenti, apparte tagħhom, lil Austin Walker, li kien l-Awditur tas-soċjeta' Soap & Sponge Company Limited, John Muscat, li kien l-Accountant tas-soċjeta' Soap & Sponge Limited kif ukoll huwa l-Accountant privat tiegħu u tal-familja tiegħu, u dana sa' llum, kif ukoll tal-Imħallef Joseph R Micallef, dak iż-żmien konsulent legali tal-fiduċja taż-żewġt aħwa.

40. Jirriżulta illi r-rikorrent ippreżenta wkoll żewġ dokumenti, ossija Minuti ta' '*shareholders meeting*' tas-soċjeta' Soap & Sponge Company Limited li sar fl-10 ta' April 1989 (fol 4), kif ukoll ftehim datat 15 ta' Mejju 1989 u redatt mill-Imħallef Joseph R Micallef, dak iż-żmien konsulent legali tal-partijiet, u ffirmat mill-aħwa John u Edgar Camilleri.

41. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, l-intimati, apparti x-xhieda ta' Maria Camilleri u Denise Buttigieg, ressqu bħala xhud lil John Sant, '*accounts clerk*' tas-soċjeta' Soap & Sponge Company Limited, u issa Accountant tal-intimati fis-soċjetajiet privati tagħhom, flimkien ma' serje ta' dokumentazzjoni dettaljata ppreżentata minn Denise Buttigieg in konnessjoni ma' varji pretensjonijet eżistenti bejniethom, fosthom Tax Returns tas-soċjeta' Soap & Sponge Limited u Accounts ta' l-istess soċjeta' kif ukoll kuntratti u dokumentazzjoni konnessi mar-rikorrent John Camilleri, illum mejjet.

**Ikkunsidrat**

42. Jirriżulta, skond il-minuti manuskritti tal-laqgħa tal-**10 ta' April 1989**, fuq ġia imsemmija, u li għalih kien hemm preżenti, apparti John u Edgar Camilleri, Austin Walker u John Muscat, l-aħwa John u Edgar Camilleri kienu qablu li jaqsmu 50/50 l-assi tal-kumpannija li kien hemm bejniethom, fosthom:

    a. 6 uffiċċji ġewwa Independence Avenue, Mosta,
    b. Art ġewwa x-Xemxija, San Pawl il-Baħar,
    c. 2 flats ġewwa Tarxien,
    d. Loan tas-soċjeta' Jetglass Ltd fl-ammont ta' Lm47,953.
    e. Loan tas-soċjeta' Solair Development Ltd fl-ammont ta' Lm61,953
    f. "Cash in hand" fl-ammont ta' Lm230,458
    g. Showroom ġewwa Mosta Road, Lija, li kellha tinbiegħ bl-aħjar prezz bid-dritt li wieħed mill-partijiet jakkwista tali showroom bil-prezz offrut.
    h. Il-kredituri relatati mas-Showroom ġewwa Mosta Road, Lija, kellhom jinqasmu bejn il-partijiet.

43. Jirriżulta wkoll illi, f'tali Minuti, kien hemm ukoll ftehim li l-kumpannija Soap & Sponge Limited, bl-assi u djun kollha, kellha tingħadda b'kollox lill-Edgar Camilleri, u John Camilleri, filwaqt li jingħadda l-art ġewwa Sta. Margerita, Mosta, jħallas l-ammonti kollha minnu dovuti lil Soap & Sponge Company Limited u Edgar Camillieri jħallas lill John Camilleri nofs dak minnu dovut lil Soap & Sponge Company Limited.

44. Jirriżulta illi, abbażi ta' tali minuti, filwaqt illi l-partijiet qablu li setgħu jiftħu negozju għal rashom u jottejnu servizzi ta' kumpanniji li preċedentement kienu qed jagħtu servizz lil Soap & Sponge Limited, qablu wkoll illi sa żmien tlett xhur minn dakinhar, kellhom jiffirmaw u jiffinalizzaw it-trasferimenti kollha meħtieġa.

45. Jirriżulta illi, sussegwentement, fil-**15 ta' Mejju 1989**, sar ftehim ieħor fejn, filwaqt li għamlu referenza għal dak miftiehem bejniethom, mingħajr ma jiġi indikat illi dawna huma l-minuti tal-laqgħa tal-10 ta' April 1989, daħlu f'aktar dettal, fost affarijiet oħra, dwar flejjes li jkunu dovuti lil xulxin f'każ illi Edgar Camilleri jakkwista s-showroom ta' Mosta Road, Lija kif ukoll f'każ illi Edgar Camilleri ma jakkwistax is-showroom, fejn Edgar Camilleri kellu erbat ijiem biex jgħarraf li kiseb il-finanzjament li jimmaterjalizza ruħu fi żmien xagħrejn.

46. Fl-istess ftehim kien hemm ukoll qbil dwar it-trasferment tal-ishma tas-soċjeta' Soap & Sponge w il-ħlasijiet li kellhom isiru minn Edgar Camilleri, inkluż is-somma ta' Lm60,000 dakinhar tal-iskrittura.

47. Tali ftehim kien anke jipprovdi dwar propjeta ġewwa Vjal l-Indipendenza, Mosta, Ħal Tarxien u Sta Margerita, Mosta.

48. Finalment, tali ftehim kien jipprovdi li imgħaxijiet fuq l-ammonti indikati jibdew jidekorru minn dakinhar tax-'Share transfer Agreement' kif ukoll il-kuntratt tal-bejgħ tas-Showroom.

49. Jirriżulta illi, minkejja li tali ftehim kien redatt fuq stil ta' 'konvenju', fejn il-partijiet kienu qed jaqblu li jipproċedu għal qasma fuq il-linji hemm stabbiliti, ma ġara assolutament xejn aktar wara l-iffirmar ta' tali ftehim, fejn ma seħħ ebda trasferiment tal-ishma tas-soċjeta' Soap & Sponge Company Limited w ma saru ebda trasferimenti u ħlasijiet kif indikati fil-ftehim.

50. Jirriżulta wkoll illi, permezz ta' proċeduri mibdija fis-sena 1991 permezz ta' Ċitazzjoni Nru 1456/91 JF fl-ismijiet '*Giovann Camilleri vs Edgar Camilleri u l-istess Edgar Camilleri bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Soap & Sponge Company Limited*', u deċiża finalment fid-**19 ta' Ġunju 1995**, ġie dikjarat li kien hemm iċ-ċirkostanzi biex is-soċjeta' Soap & Sponge Company Limited tiġi xolta u għalhekk ordnat ix-xoljiment ta' l-istess soċjeta' Soap & Sponge Company Limited.

51. Jirriżulta, madanakollu, illi għalkemm ir-rikorrent kien ottjena l-istralċ tas-soċjeta' Soap & Sponge Company Limited fis-sena 1995, ma nġiebu ebda provi u dokumentazzjoni li juru illi attwalment tali stralċ attwalment seħħ u, skond xhieda ta' Denise Buttigieg, missierha, John Camillieri baqa' jaħdem fis-soċjeta' sas-sena 2001, meta, wara ġlieda bejnu u bejn John Camilleri, dana ta' l-aħħar keċċieh 'il barra u ma reġgħax ħallieh jidħol fl-uffiċini ta' Soap & Sponge Company Limited, u dana kif jidher f'rapport tal-Pulizija datat 23 ta' Frar 2001 (fol 411).

**Ikkunsidrat**

52. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent, John Camilleri, illum mejjet, qiegħed jitlob lill-eredi ta' ħuh, Edgar Camilleri, sabiex jagħtuh rendikont tas-somma ta' Lm230,458, ossija €536,822, li huwa jikkontendi li kienu flus kontanti tiegħu u ta' Edgar Camilleri flimkien, u li l-istess John Camilleri jgħid li Edgar Camilleri obbliga ruħu li kellu jroddlu nofshom permezz ta' ftehim li sar fil-15 ta' Mejju 1989.

53. Jirriżulta illi r-rikorrent jikkontendi illi, abbażi ta' minuti ta' laqgħa illi saret bejn l-aħwa John u Edgar Camilleri, fil-presenza tal-Awditur Austin Walker u l-Accountant John Muscat fl-10 ta' April 1989, ħuh Edgar kien aċċetta illi huwa kellu ammont ta' flus idejh, liema flus kien hemm qbil illi kellhom jinqasmu bejniethom.

54. Jirriżulta mhux ikkontestat illi, għalkemm sar ftehim fil-15 ta' Mejju 1989, ebda waħda mill-konsiderazzjonijiet diskussi u maqbula bejn John Camilleri u Edgar Camilleri ma qatt ġew konklużi, u għalhekk tali ftehim qatt ma ġie implimentat permezz ta' proċeduri legali u kontrattwali bejn il-partijiet.

55. Jirriżulta, madanakollu, illi aktar minn sebgħa snin wara l-mewt ta' Edgar Camilleri, John Camilleri, illum mejjet ukoll, ipproċeda bil-kawża odjerna sabiex jingħata sehmu mill-flus kontanti illi huwa jikkontendi li kienu għand ħuh u li tiegħu jikkontendi ħuh kien aċċetta li kienu għandu.

56. In sostenn tal-asserzjoni tar-rikorrent li Edgar Camilleri kellu s-somma ta' Lm230,458 bħala '*cash in hand*' personalment għandu, John Camilleri pproduċa bħala xhieda lil Austin Walker, dak iż-żmien Awditur tal-kumpanniji tal-partijiet u, fi kliemu stess, responsabbli biex jagħmel 'ir-Reviżjoni tal-Kontijiet Finanzjarji tas-soċjeta' Soap & Sponge Limited" (vide fol 41), kif ukoll John Muscat, Accountant tar-rikorrent u tal-familja tar-rikorrent, u ġia Accounts Clerk mas-soċjeta' Soap & Sponge Limited mis-sena 1988 sas-sena 1991. (vide fol 499)

57. Għandu jingħad illi, dwar il-flus li r-rikorrent jikkontendi li kellu Edgar Camilleri, John Muscat jgħid dan li ġej: (fol 35)

> *"Għandi ngħid li l-parti sostanzjali ta' dan l-ammont kien oriġina qabel żmieni u allura ma nafx f'xiex kien jissussisti. ... Naf li minn żmien għal żmien il-flus li kienu jinġabru mill-aħwa kienu jgħaddu lil Edgar u dan kien iżomm il-flus hu."*

58. Mill-banda l-oħra, Austin Walker, dwar tali flus jgħid: (fol 41)

> *"Fost dawn l-assi kien hemm somma flus tammonta għal mitejn u tletin elf, erbgħa mija u tmienja u ħamsin Lira Maltija (Lm230,458) liema flus kienu jappartjeni liż-żewġt azzjonisti personalment. Dan il-flus kienu jintużaw fin-negozju tagħhom. Dawn il-flus kienu fil-pussess ta' Edgar u amministrati minnu għan-nom tat-tnejn. Fl-abbozz tal-ftehim, hemm indikat li dawn il-flus kellhom jiġu diviżi bejniethom"*

59. John Camilleri, fl-affidavit tiegħu, dwar il-konteġġi li saru, jgħid dan li ġej: (fol 37)

> *"Minn dan l-eżerċizzju irriżulta li kien hemm is-somma ta' mitejn u tletin elf, erbgħa mija u tmienja u ħamsin Lira Maltin (Lm230,458) cash li kellha tinqasam fi kwoti indaqs bejni u bejn Edgar fost assi oħra. Issa peress li din is-somma dejjem kienet fil-pussess esklussiv ta' Edgar, hu kellu għalhekk jagħti lili nofs dan l-ammont."*

60. Jirriżulta, madanakollu, illi għajr għal tali affidavits kif ukoll kopji tal-Minuti tal-10 ta' April 1989 u l-ftehim datat 10 ta' Mejju 1989, li ġie kkonfermat mill-Imħallef Joseph R Micallef, huwa ma ressaq ebda prova konkreta oħra dwar l-eżistenza ta' l-ammont ta' Lm230,458 u/jew aċċettazzjoni ta' Edgar Camilleri li l-flus kienu għandu, għalkemm kellu aktar minn tlieta u għoxrin (23) sena ċans jagħmel dan, ossija minn meta ntlaħaq il-ftehim sad-data tal-preżentata tal-kawża odjerna.

## Ikkunsidrat

61. Il-Qorti tosserva illi l-unika dokumenti illi abbażi tiegħu jistrieħ ir-rikorrent huwa l-Minuti datati 10 ta' April 1989 (fol 4) w il-ftehim datat 15 ta' Mejju 1989 (fol 8). Għalhekk ikun opportun li tali dokumentazzjoni jiġu evalwati fl-ottika ta' dak allegat mir-rikorrent u asserit mix-xhieda tiegħu.

62. Jibda billi jiġi osservat illi, għal raġunijiet magħrufa biss lil John Camilleri, illum mejjet, il-minuti datati 10 ta' April 1989 jidhru illi huma tal-kumpannija Soap & Sponge Limited, iżda l-kliem "*Soap*" u "*Sponge*" jidhru sussegwentement sgassati.

63. Jirriżulta wkoll illi l-Minuti jgħidu illi "*the shareholders discussed at length the split of the company's assets and finally agreed on these points*", wara liema dikjarazzjoni jinsab miktub serje ta' assi u ta' stipulazzjonijiet milħuqa bejn il-partijiet dwar kif kellu jsir il-qasma.

64. Jirriżulta illi fit-tielet (3) klawsola hemm mitkub is-segwenti:

> *Both shareholders agreed to split between on 50-50 basis the following items:*
>
> *a) Loan to Jetglass Ltd – Lm47,953 - at 31-3-89*

*b) Loan to Solair Developments Ltd – Lm61,953 at 31-3-89*
*c) Cash in hand - Lm230,458 at 31.3.89*

65. Jirriżulta sussegwentement, illi fir-raba' (4) klawsola, hemm pprovdut illi s-soċjeta' Soap & Sponge Ltd "(assets and liabilities)" kienet ser tingħadda lil Edgar Camilleri u jingħad *"All assets and liabilites are quoted as at 31st March 1989 and Edgar Camilleri will pay one half the amount to John Camilleri*".

66. Jirriżulta ċar illi tali dikjarazzjoni dwar l-assunzjoni tad-dejn da' parte ta' Edgar Camilleri tidher applikabbli speċifikatament għad-djun u assi indikati bħala li huma ta' Soap & Sponge Limited, u ma ssir ebda referenza għal xi assi oħra indikati, partikolarment l'hekk imsejjħa "*Cash in hand*" imniżlin fil-klawsola preċedenti – Klawsola 3.

67. Jirriżulta illi fil-ftehim datat 15 ta' Mejju 1989, għalkemm isiru varji referenzi għall-somom dovuti minn parti għall-oħra u dwar kif dawna kienu ser jitħallsu f'każ illi tinxtara s-showroom, li kienet għal bejgħ, minn Edgar Camilleri jew le – vide klawsoli erbgħa (4), ħamsa (5) u disgħa (9), ma ssir assolutament ebda referenza għas-somma ta' Lm230,457 u dwar kif dawn għandhom jitħallsu.

68. Jirriżulta, għalhekk, illi minn qari akkurat kemm tal-Minuti kif ukoll tal-ftehim redatt mill-konsulent legali tal-partijiet, l-Imħallef Joseph R Micallef, meta kien qed jipprattika ta' Avukat, minn imkien ma jirriżulta ammess minn Edgar Camilleri li dawna l-flejjes kienu fil-pussess tiegħu w, aktar u aktar, xi aċċettazzjoni tiegħu illi jgħaddi nofs tali flejjes, allegatament fil-pussess tiegħu, lil John Camilleri.

69. Il-Qorti tirrileva ulterjorment li, kif osservat mill-Imħallef Joseph R Micallef, il-laqgħa bejn l-aħwa John u Edgar Camilleri, fil-presenza ta' Austin Walker u John Muscat, kienet waħda li ħadet ħafna ħin, u jidher li ma kien hemm ebda animosita bejn il-partijiet, tant illi l-Imħallef Micallef jistqarr fix-xhieda tiegħu (fol 52) illi "*Fil-fatt meta kont qed nirrediġi l-iskrittura ma kien hemm l-ebda animu bejn il-partijiet.*"

70. Għalhekk, il-Qorti tqis li, la darba kien jidher li ma kienx hemm animosita' bejn il-partijiet u la darba jidher illi l-ftehim tal-15 ta' Mejju 1989 kien intiż sabiex jagħti "*kulur legali dak li kien diġa miftiehem bejn l-aħwa involuti*", kif jgħid l-Imħallef Micallef, ċertament il-partijiet riedu jinkludu kull pretensjoni u stipulazzjoni ta' bejniethom, u kieku kien minnu dak illi qiegħed jikkontendi John Camilleri, illum mejjet, li l-flus kienu għand Edgar Camilleri u kien ser jaqsamhom miegħu (li dina l-Qorti tqis illi kien ċertament dettal importanti, li kellu valur ta' ftit aktar minn Lm115,000 għal John Camilleri, valur ċertament mhux irrilevanti fiż-żmien meta ġie redatt il-ftehim), tali dettall u fatt kien ikun imniżżel u riaffermat fil-ftehim bil-miktub redatt quddiem il-konsulent legali tal-fiduċja taż-żewġ partijiet.

71. Għalhekk, l-assenza ta' kwalsiasi referenza għal tali ammont fil-ftehim finali hija indikazzjoni ċara illi, a differenza ta' dak asserit minn John Camilleri, tali flejjes qatt ma kienu fil-pussess ta' Edgar Camilleri, kif jikkontendu l-intimati familjari tiegħu, u għalhekk qatt ma setgħu kienu parti minn ftehim milħuq bejn John Camilleri u ħuh, Edgar Camilleri.

72. Il-Qorti tosserva ukoll illi r-rikorrenti jipprovaw jissanaw tali nuqqas ta' provi, billi jisħqu illi Austin Walker u l-Imħallef Joseph R Micallef jikkonfermaw tali fatt – il-Qorti, madanakollu, tosserva illi filwaqt illi huwa tentattiv meskin u disonest li jipprova juża persuna integra u 'l fuq minn kull dubju bħal ma huwa l-Imħallef Joseph R Micallef biex jipprova jikkonvinċi l-Qorti li Edgar Camilleri kellu għandu l-flus ta' John Camilleri, ix-xhieda ta' Austin Walker, waħidha, ma tistax titqies suffiċjenti bħala prova li tali flejjes kienu għand Edgar Camilleri – ir-rikorrent, illum mejjet, naqas milli jġib provi fattwali u suffiċjenti biex jipprova l-assersjoni tiegħu u għalhekk dak minnu asserit ma jistax jiġi kkunsidrat favorevolment.

**Ikkunsidrat**

73. Jirriżulta illi l-intimati, fid-difiża tagħhom, ikkontendew illi l-azzjoni odjerna kienet preskritta bir-trapass ta' ħames snin a tenur tal-Artikolu 2156 u 2157 tal-Kap 16.

74. Ir-rikorrent, da parte tiegħu, jikkontendi illi fil-każ odjern, l-azzjoni hija waħda sabiex jingħata sehmu minn flus amministrati mill-aventi kawża tal-intimati, ossija Edgar Camilleri, bir-riżultat illi l-preskrizzjoni applikabbli fil-każ odjern huwa wieħed trentennali, a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kap 16 li jirregola Preskrizzjonijiet ta' azzjonijiet reali, personali u misti.

75. Jirriżulta, fil-każ odjern, illi a differenza ta' dak skoġitat u suġġerit mir-rikorrent, it-talba tar-rikorrent, illum mejjet, kienet għal ħlas ta' kreditu illi huwa jippretendi illi kellu fil-konfront ta' ħuh, Edgar Camilleri, fejn ippretenda illi ħuh kien qed iżomm is-somma ta' Lm230,458 f'idejh u, minn tali somma, huwa kellu jgħaddilu nofshom.

76. Jirriżulta illi, mingħajr ebda dubju, l-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni odjerna ma tista' qatt tirriaffigura ruħha fl-ambitu ta' dak ipprovdut fl-Artikolu 2143 tal-Kap 16, iżda hija waħda illi tikkonfigura ruħha fid-dettam tal-Liġi kif ipprovdut fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 li jipprovdi perjodu preskrittiv ta' ħames snin fil-każ ta':

> *azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*

77. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva illi, kwalsiasi ftehim illi seta' seħħ bejn ir-rikorrent, illum mejjet, John Camilleri, u l-aventi kawża ta' l-intimati, Edgar Camilleri, seħħ fis-sena 1989 filwaqt illi l-kawża odjerna ġiet intavolata fis-sena 2012.

78. Ma jirriżulta minn imkien illi, f'xi mument, saret xi interpellazzjoni ġudizzjarja illi setgħet, b'xi mod, tinterrompi t-trapass tal-perjodu preskrittiv ta' ħames snin.

79. Jirriżulta wkoll illi l-aventi kawża ta' l-intimati, ossija Edgar Camilleri, miet fit-12 ta' Frar 2005, ossija aktar minn sebgħa snin qabel ma ġew intavolati l-proċeduri odjerni, u għalhekk ċertament ma jista' qatt jiġi dikjarat li l-istess Edgar Camilleri, b'xi mod, ammetta li l-ammont kien dovut.

80. In vista ta' dana kollu, il-Qorti tqis illi l-ewwel eċċezzjoni imqajjma mill-intimati hija waħda mistħoqqa.

**Ikkunsidrat**

81. Il-Qorti tosserva illi t-tieni u tielet eċċezzjoni ta' l-intimati, tikkonċerna l-argument mqajjem mill-intimati illi l-kawża odjerna kienet ġia meritu ta' deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Ġunju 1995 fejn is-soċjeta' Soap & Sponge Company Limited ġiet stralċjata fuq talba tar-rikorrent.

82. Din il-Qorti, madanakollu, tosserva illi l-intimati ftit li xejn ġabu provi in sostenn ta' tali argumentazzjoni, għajr għal kopja tas-sentenza, fejn ma jsir assolutament ebda referenza għal tali pretenzjoni kif redatta mir-rikorrent.

83. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fejn jirrigwarda l-assi u djun tas-soċjeta' Soap & Sponge Limited, Klawsola 4 tal-minuti datata 10 ta' April 1989, jsemmi varji djun u assi, imma ma ssir ebda referenza għal '*cash in hand*' li huwa l-meritu tal-kawża odjerna, u għalhekk, kwalsiasi pretensjoni għal ħlas ta' tali flejjes meritu tal-kawża odjerna, mid-dokumentazzjoni eżebiti u abbażi ta' tali ftehim, ma jirrigwardax l-assi ta' Soap & Sponge Limited.

84. Għalhekk, tali difiża imqajjma mill-intimati, ma jimmeritawx li jintlaqgħu, u għalhekk it-tieni u tielet eċċezzjoni huma miċħuda

**Ikkunsidrat**

85. Jirriżulta illi l-aħħar ħames eċċezzjonijiet, lkoll għandhom l-istess bażi ta' argument, ossija illi l-ftehim li fuqu ibbaża l-argument ir-rikorrent, ma kienx wieħed enforzabbli, kif ukoll illi l-ammonti mitluba qatt ma kienu fil-pussess ta' Edgar Camilleri.

86. Mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, kif ġia osservat f'aktar dettall aktar 'il fuq, jirriżulta ċar illi, għalkemm kien hemm ftehim biex jintlaħaq kompromess bejn l-aħwa John u Edgar Camilleri, tali kompromess qatt ma ġie attwalment konkluż, w la l-ishma tas-soċjeta' Soap & Sponge Limited ma qatt ġew ittrasferiti u wisq anqas l-assi indikati f'tali ftehim.

87. Jirriżulta ċar ukoll, mill-provi prodotti, illi għalkemm jissemmew '*cash in hand*' fl-import ta' Lm230,457 fil-minuti tal-10 ta' April 1989, imkien ma hemm indikazzjoni dwar fejn kienu dawn il-'*cash in hand*', u ma nġiebet ebda dokumentazzjoni illi setgħet, b'xi mod, titfa' dawl jew ħjiel ta' fejn setgħu kienu tali flejjes.

88. Jirriżulta ċar ukoll illi, a differenza ta' dak li kien jgħid ir-rikorrent John Camilleri, illum mejjet, ma hemm ebda dikjarazzjoni da' parte ta' Edgar Camilleri illi huwa qatt kellu tali flejjes f'idejh u, meta marru għand il-konsulent legali illi ż-żewġ partijiet kienu jafdaw, l-Imħallef Joseph R Micallef, u għamlu żmien twil jirrediġu l-ftehim, b'dettalji varji dwar flejjes dovuti u kif kienu ser jitħallsu, **fl-ebda stadju ma qatt saret referenza** għas-somma ta' Lm230,457 illi allegatament, skond John Camilleri, kienu fil-pussess ta' Edgar Camilleri.

89. Jirriżulta, għalhekk, illi d-difiża mqajjma mill-intimati, li tali flejjes qatt ma kienu għand Edgar Camilleri u li għalhekk ma kellhom ebda flejjes x'jamministraw, hija difiża illi

jistħoqq illi tiġi milqugħa, peress illi r-rikorrent, illum mejjet, għamel allegazzjoni fil-konfront ta' ħuh Edgar Camilleri li ma seta' b'ebda mod jissostanza bi provi konfutabbli u aċċertabbli – li jsir dikjarazzjoni mill-accountant tar-rikorrent jew mill-Awditur tas-soċjeta' Soap & Sponge Limited, li tali flus kienu jeżistu ma hijiex suffiċjenti – trid tinġieb prova tanġibbli li tali flejjes attwalment eżistew u li kienu fil-pussess ta' Edgar Camilleri. Fl-assenza ta' tali prova, it-talba tar-rikorrent, illum mejjet, ma tista' qatt tirnexxi.

90. Għalhekk, r-raba', ħames, sitt, seba', tmien u disgħa eċċezzjoni lkoll jimmerita illi jiġu kkunsidrati favorevolment.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u rat ix-xhieda prodotta;

Wara illi semgħet il-provi hija stess;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-tieni u tielet eċċezzjoni ta' l-intimati.

**Tilqa'** l-ewwel, ir-raba', ħames, sitt, seba', tmien u disgħa eċċezzjoni ta' l-intimati u għalhekk,

**Tiċħad** it-talba attriċi kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**